



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Jannar 2022
(OR. en)

5153/22

AGRI 5
AGRIORG 3
AGRIFIN 2

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Is-sitwazzjoni tas-suq - Skambju ta' fehmiet

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness nota dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq li għandu jiġi trattat waqt il-laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) tas-17 ta' Jannar 2022.

Is-sitwazzjoni tas-suq agrikolu

Kwistjonijiet ġenerali

1. Għalkemm l-effetti taż-żieda reċenti tal-infezzjonijiet tal-COVID għadhom mhux magħrufa, għalissa s-settur agroalimentari tal-UE b'mod ġenerali rkupra mill-kriżi tal-COVID wara l-ftuħ mill-ġdid gradwali tas-servizzi tal-ikel u t-tneħħija tar-restrizzjonijiet fuq il-moviment ta' persuni u oġġetti assoċjati mal-kriżi. L-esportazzjonijiet irkupraw b'mod qawwi, b'żieda sa 8 % fil-valur fuq is-sena ta' qabel fil-perijodu minn Jannar sa Settembru 2021. L-irkupru tal-kummerċ bilaterali mar-Renju Unit, l-ewwel destinazzjoni tal-esportazzjonijiet tal-UE, ġie kkonfermat ukoll. Madankollu, hemm riskji importanti marbuta ma' incertezzu dwar kontrolli fuq il-fruntieri futuri u l-impatti ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles iffirmati reċentement mir-Renju Unit ma' pajjiżi terzi. L-effetti ta' restrizzjonijiet kummerċjali oħra minħabba żviluppi internazzjonali għandhom ukoll jiġu segwiti mill-qrib.
2. Is-swieq agrikoli tal-UE fl-2021/22 huma msaħħa minn domanda globali dinamika li rriżultat f'livell għoli ta' prezzijiet dinjija. L-indiċi tal-prezzijiet tal-ikel tal-FAO, li jirriflettu l-prezzijiet agrikoli dinjija, kien 27 % ogħla sena wara sena f'Novembru 2021. Din iż-żieda fil-prezzijiet agrikoli hija riflessa wkoll fil-prezzijiet tal-Unjoni: l-indiċi tal-prezzijiet tal-Eurostat għall-prodotti agrikoli huwa, bħala medja, matul it-tielet kwart tal-2021, 13 % ogħla minn sena ilu. Madankollu, taħlita ta' fatturi, fosthom l-irkupru tal-ekonomija globali u żieda fid-domanda għall-gass, ikkontribwew għaż-żieda attwali fil-prezzijiet tal-enerġija, b'mod partikolari tal-gass naturali fl-Ewropa, li qed jilhqqu livelli għoljin ġodda. Iż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija qed ikollha impatt qawwi fuq il-prezzijiet tal-biċċa l-kbira tal-mezzi ta' produzzjoni tal-azjendi agrikoli. Dan huwa partikolarment il-każ għall-prezzijiet tal-fertilizzanti li żdiedu b'aktar mid-doppju f'sena. L-indiċi tal-fertilizzanti tal-Bank Dinji ta' Novembru 2021 kien 165 % ogħla mill-indiċi ta' Novembru 2020. Il-prezzijiet tal-fertilizzanti tan-nitroġenu b'mod partikolari huma korrelati ħafna mal-prezz tal-gass naturali, li huwa l-materja prima ewlenija għall-produzzjoni tal-ammonju jew l-urea. Skont il-Bank Dinji, f'Novembru 2021, il-prezz dinji tal-urea u tad-DAP (fosfat tad-diammonju) żdied b'268 % u b'102 % matul is-sena li għaddiet rispettivament. Il-prezzijiet għoljin tal-enerġija, flimkien mal-interruzzjoni tal-ktajjen tal-provvista kkawżati mil-COVID-19, żiedu l-ispejjeż tat-trasport u żiedu mat-tensjonijiet fis-swieq tal-komoditajiet. Dan tal-aħħar kellu t-tendenza li jonqos fl-aħħar ġimgħat tal-2021, pereżempju, bi tnaqqis ta' 30 % tal-Indiċi "Baltic Dry" f'Diċembru 2021 (spejjeż tat-trasport bl-ingrossa). L-indiċi tal-prezzijiet tal-għalf kompost tal-Eurostat għat-tielet trimestru tal-2021 kien bħala medja 14 % ogħla mill-valur tas-sena li għaddiet.

3. Ġeneralment, il-prezzjonijiet inflazzjonarji saru aktar b'saħħithom: l-enerġija, il-materja prima u l-fertilizzanti ġarrbu żidiet qawwija fil-prezzijiet matul l-ewwel nofs tal-2021 u aktar reċentement. L-inflazzjoni tal-ikel fl-UE aċċellerat ftit minn April 2021, u f'Novembru 2021 laħqet il-livell ta' 2.9 % sena wara sena. L-inflazzjoni tal-ikel għadha ferm taħt ir-rata tal-inflazzjoni ġenerali (5.2 % matul l-istess perijodu). Filwaqt li l-BĊE jipprojetta tnaqqis kbir fl-inflazzjoni, inkluż tal-komponent tal-enerġija tagħha, matul l-2022, l-iżviluppi tas-suq f'dawn is-setturi għandhom jiġu mmonitorjati mill-qrib.
4. Matul l-aħħar żewġ sessjonijiet tal-Kunsill AGRI/FISH, kważi l-Istati Membri kollha ġibdu l-attenzjoni għal din is-sitwazzjoni filwaqt li semmew l-effetti negattivi taż-żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni fuq il-marġini tal-bdiewa kemm fis-settur tal-annimali (spejjeż tal-ġhalf, enerġija eċċ.) kif ukoll f'dak tal-għelejjel (fertilizzanti, enerġija, eċċ.), b'ħafna minnhom jitolbu li jiġu adottati miżuri ta' emerġenza tas-suq. Dan huwa speċjalment il-każ għal xi setturi, bħall-ħam tal-majjal, fejn iż-żieda fl-ispiża tal-produzzjoni, b'mod partikolari tal-ġhalf, u provvista qawwija minħabba fatturi oħra naqqsu l-marġnijiet ta' profitt għal livelli baxxi b'mod kritiku jew eliminawhom.

Is-sitwazzjoni tas-setturi ewlenin

5. L-aħħar previżjoni għall-produzzjoni totali taċ-ċereali tal-UE fl-2021/22 issa hija ta' 291 miljun tonnellata, żieda ta' 3.4 % sena wara sena (+4.1 % meta mqabbla mal-medja ta' ħames snin), b'mod partikolari minħabba l-irkupru tal-produzzjoni tal-qamħ stmat għal 130.6 miljun tonnellata (+7.3 % meta mqabbel mal-medja ta' ħames snin). Il-produzzjoni tal-qamħirrum hija mbassra għal 69.4 miljun tonnellata, żieda ta' 2.1 % sena wara sena (+3.1 % meta mqabbla mal-medja ta' ħames snin). Minħabba n-nuqqas fil-produzzjoni tal-ħam tal-majjal fl-UE, id-domanda għall-ġhalf hija kemxejn aktar baxxa meta mqabbla mas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni preċedenti, tnaqqis ta' 0.18 %. Il-prezzijiet tal-UE taċ-ċereali ġeneralment jibqgħu għoljin minħabba domanda globali qawwija u kondizzjonijiet tal-għelejjel li sejrjn għall-aġar fl-Amerka t'Isfel. Il-produzzjoni taż-żrieragħ żejtnin tal-UE hija stmata li tkun 30.5 miljun tonnellata fl-2021/22. Din iż-żieda annwali ta' 7 %, wara t-tnaqqis tal-2020/21, għandha tħaffef is-suq tal-UE billi tipprovdi disponibbiltajiet akbar, għalkemm il-provvista taż-żerriegħa tal-kolza tibqa' ristretta minħabba stokkijiet tal-ftuħ baxxi. Minkejja l-prezzijiet għoljin, f'xi partijiet tal-Unjoni, bħall-Finlandja u r-Rumanija, il-ħsad baxx qed jipprevjeni lill-produtturi milli jibbenefikaw minnhom.

6. It-tbassir tar-rendiment tal-pitravi taz-**zokkor** tal-UE fl-2021/22 huwa ħafna aktar favorevoli minn dak tal-istaġun li għadda u anki 2.4 % ogħla mill-medja ta' ħames snin, fil-livell ta' 75.4 tunnellata kull ettaru. Bil-medda tal-pitravi taz-**zokkor** tal-UE stmata fil-livell ta' 1.5 miljun ettaru, il-produzzjoni taz-**zokkor** tal-UE tista' tilħaq 15.7-il miljun tunnellata, 7 % aktar mill-istaġun preċedenti. Il-prezzijiet dinjija baqgħu relattivament għoljin filwaqt li z-**zokkor** tal-UE qabeż il-limitu ta' referenza f'Ottubru 2017 u laħaq EUR 417 għal kull tunnellata.
7. **Għar-ross**, is-suq tal-UE huwa relattivament kwiet, b'importazzjonijiet stabbli, prezzijiet domestiċi għoljin u ċirkostanzi tat-temp tajbin li kkontribwew għal ħsad favorevoli f'Settembru u Ottubru. Is-suq dinji tar-**ross** huwa kkaratterizzat minn prezzijiet għoljin, volumi baxxi ta' kummerċ u problemi kontinwi minħabba nuqqas ta' kontejners, spejjeż għoljin ħafna tat-tbaħħir, punti ta' konġestjoni minħabba l-COVID-19 (l-Indja, it-Tajlandja, il-Vjetnam u l-Kambodja), u protesti politiċi (il-Myanmar wara l-kolp ta' stat).
8. Fir-rigward taż-**żejt taż-żebbuġa**, il-produzzjoni tal-UE fl-2021/22 hija prevista li tkun 4 % taħt il-livell tal-aħħar kampanja, madwar 2 miljun tunnellata (3 % inqas mill-medja ta' ħames snin). Minkejja flussi aktar b'saħħithom lejn l-Istati Uniti, l-esportazzjonijiet tal-UE taż-**żejt taż-żebbuġa** baqgħu modesti fis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2020/21 meta mqabbla mal-livelli preċedenti, għalkemm xorta 18 % ogħla mill-medja ta' ħames snin. L-istokkjar mill-ġdid f'xi destinazzjonijiet tal-esportazzjoni u l-ftuħ mill-ġdid tas-servizzi tal-ikel għandhom jikkontribwixxu għal aktar esportazzjonijiet filwaqt li l-konsum fl-UE jista' jonqos minħabba inqas disponibbiltajiet u prezzijiet ogħla mill-medja. F'xi żoni tal-Unjoni, bħal pereżempju l-Kroazja, is-settur kien affettwat minn kundizzjonijiet tat-temp mhux favorevoli, minbarra l-problema ġenerali tal-prezzijiet għolja tal-input.
9. Is-suq tal-**ħalib** huwa kkaratterizzat minn domanda soda u provvista globali u tal-UE stretta. Il-prezzijiet medji tal-UE tal-**ħalib** mhux ipproċessat żdiedu f'kull xahar tal-2021 u issa jinsabu fl-ogħla livell tagħhom minn Marzu 2014. Il-prezzijiet tal-prodotti tal-**ħalib** tal-UE huma ogħla mir-referenzi reċenti u medji. L-esportazzjonijiet tal-ġobon u t-trab tax-xorrox tal-UE kienu daww bl-aqwa prestazzjoni din is-sena. Il-produzzjoni tal-**ħalib** tal-UE baqgħet stabbli fl-ewwel għaxar xhur tal-2021. Dan issarraff f'diversi xejriet fil-portafoll kollu tal-prodotti tal-**ħalib**: produzzjoni aktar baxxa ta' trab tal-**ħalib** xkumat u sħiħ, butir, **ħalib** iffermentat u **ħalib** tax-xorb meta mqabbla ma' produzzjoni ogħla ta' **ħalib** ikkonċentrat, ġobon u krema. L-esportazzjonijiet tal-**ħalib** tal-UE baqgħu relattivament stabbli fl-ewwel għaxar xhur tal-2021, b'xejriet li jvarjaw skont il-prodott: esportazzjonijiet aktar baxxi ta' trab tal-**ħalib** u butir meta mqabbla ma' esportazzjonijiet ogħla ta' ġobon, **ħalib** ikkondensat u trab tax-xorrox. Il-prezzijiet tal-**ħalib** mhux ipproċessat tal-UE komplew jżdiedu f'Ottubru u Novembru, u laħqu livelli ferm ogħla mill-medja ta' ħames snin.

Fis-suq dinji, il-prezzijiet tal-UE bħalissa huma l-aktar kompetittivi għaċ-cheddar iżda l-aktar għoljin għat-trab tal-ħalib sħiħ u għall-butir. Il-prezzijiet tal-Oċeanja huma l-aktar kompetittivi għat-trab tal-ħalib sħiħ u l-prezzijiet tal-Istati Uniti għall-butir u għat-trab tal-ħalib xkumat.

10. Fis-swieq tal-**laħam**, il-prezzijiet tal-karkassi taċ-**ċaṅga** tal-UE jkomplu x-xejra pożittiva tagħhom u jibqgħu f'livelli għoljin ħafna sostnuti minn domanda qawwija u provvista limitata. Il-bilanċ kummerċjali għaċ-ċaṅga u l-vitella huwa pożittiv fil-volum u fil-valur. Il-qiegħ tal-kurva tal-prezzijiet għall-karkassi tal-**majjal** għadda u l-prezzijiet tal-qżieq qed jiżdiedu, iżda t-tnejn għadhom baxxi. Il-marġini tal-produtturi komplew jonqsu, filwaqt li l-produzzjoni tal-UE żdiedet meta mqabbla mas-sena li għaddiet. Il-bilanċ kummerċjali tal-UE huwa pożittiv, b'espportazzjonijiet għoljin, minkejja li l-espportazzjonijiet lejn iċ-Ċina qed jonqsu. Anke wara t-tmiem tal-vaganzi tal-Milied, għadd ta' Stati Membri rrapportaw li ma hemm ebda evidenza ċara li ntlaħaq l-qiegħ tal-kurva tal-prezzijiet u li l-livell tal-prezzijiet għadu baxx b'mod kritiku għalkemm hemm xi sinjali dgħajfa ta' bidla. Kważi fl-UE kollha qed jinħassu b'mod qawwi l-effetti taż-żieda fl-ispejjeż tal-għalf u l-enerġija. F'dan ir-rigward, fil-kummenti bil-miktub tagħhom diversi Stati Membri, b'mod partikolari BG/CZ/DE/ES/HR/LV/HU/MT/PL/RO/SK, talbu li jiġu pprovduti miżuri ta' emerġenza tas-suq jew appoġġ dirett mill-aktar fis possibbli. BG għidiet l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġi evitat ir-rilaxx ta' stokkijiet fis-suq fi żmien meta l-prezzijiet juru xi sinjali ta' bidla. Fil-fehma ta' DE/ES/LT/PT/PL, is-sitwazzjoni tiġġustifika l-monitoraġġ u l-adozzjoni ta' inizjattivi mmirati lejn l-antiċipazzjoni ta' disturbi serji fis-swieq agrikoli u t-tħejjija ta' linji ta' azzjoni possibbli.
11. Minn Ottubru 'l hawn, il-prezzijiet tat-**tjur** tal-UE baqgħu jiżdiedu, u laħqu livelli għoljin fil-kuntest ta' domanda domestika qawwija u produzzjoni ristretta. L-espportazzjonijiet tal-UE huma limitati minn restrizzjonijiet dejjiema relatati mal-influwenza avjarja filwaqt li l-mewġa reċenti ta' tifqigħat (eż. fil-PT) tirriskja li tpoġġi l-espportazzjonijiet tal-UE taħt aktar pressjoni. Barra minn hekk, xi Stati Membri bħas-SK ikomplu jirrapportaw żieda fl-importazzjonijiet mill-Ukrajna. Is-sitwazzjoni għandha tiġi mmonitorjata mill-qrib. Il-prezzijiet tal-**bajd** laħqu l-ogħla livell tagħhom din is-sena wara ħafna ġimgħat ta' prezzijiet stabbli appoġġati minn domanda domestika sostnuta, żieda fl-espportazzjonijiet (+18 %) u importazzjonijiet li qed jonqsu (-25 %). Il-prezzijiet medji huma kważi 18 % ogħla mis-sena li għaddiet għalkemm -3 % taħt il-medja storika ta' ħames snin. Is-suq tan-**nagħaġ** tal-UE huwa ristrett u l-kompetizzjoni hija b'saħħitha biex tiżgura l-provvisti. Id-domanda dinjija qabel il-Milied kompliet iżżid il-prezzijiet tal-ħaruf.

12. Għall-**inbid**, l-avvenimenti avversi tat-temp fir-rebbiegħa u fis-sajf tal-2021, li alternaw minn għata għal għargħar u mard tad-dwieli marbuta ma' dawn il-kondizzjonijiet klimatiċi, kellhom impatt fuq il-ħsad tal-inbid fl-UE fl-2021. Il-produzzjoni finali tal-UE fl-2021 hija stmata li kienet 13 % inqas meta mqabbla mas-sena li għaddiet. Franza ntliaqet partikolarment ħażin mill-għata, bi tnaqqis previst ta' 29 %.

Madankollu, it-tkabbir qawwi ħafna fl-esportazzjoni tal-inbid tal-UE għen biex is-suq jirkupra. L-esportazzjonijiet laħqu livelli rekord matul il-kampanja 2020/21 (28.8 miljun ettoltru inkluż 4.1 miljun ettoltru esportati lejn ir-Renju Unit) xprunati mit-tnaqqis tar-restrizzjonijiet tal-COVID-19 u s-sospensjoni tad-dazji addizzjonali tal-Istati Uniti. L-istabbiliment mill-ġdid ta' xi restrizzjonijiet fis-settur tal-HORECA, minħabba l-pandemija li qed tevolvi tal-COVID-19 f'xi Stati Membri, jintroduċi xi inċertezza fuq terminu qasir.

13. Fir-rigward tas-settur tal-**frott u l-ħxejjex**, ix-xejriet tas-suq huma favorevoli għall-bieċa l-kbira tal-prodotti, b'sitwazzjoni aktar diffiċli fis-suq tat-tuffieħ f'xi Stati Membri. Il-ħsad tat-tuffieħ fl-UE kien ogħla mis-sena ta' qabel minħabba għalla pjuttost ġeneruża fil-Polonja u dan qed ipoġġi pressjoni fuq il-prezzijiet u jżid is-sehem destinat għall-ipproċessar. Il-projbizzjoni introdotta mill-Belarussja fuq ċerti prodotti agrikoli mill-1 ta' Jannar 2022 tista' żżid il-pressjoni f'dan is-suq bit-tuffieħ u l-lanġas ikunu l-aktar prodotti esportati. PL tistenna li ssufri konsegwenzi importanti għal firxa ta' prodotti ortikulturali minħabba s-sehem għoli ta' esportazzjonijiet tal-Belarussja fl-esportazzjonijiet totali Pollakki. Il-produzzjoni tal-larinġ fl-UE hija mistennija li tonqos bi ftit, peress li hija affettwata minn kondizzjonijiet tat-temp avversi fl-Italja, bil-larinġ frisk ikompli jissostitwixxi l-konsum tal-meraq tal-larinġ ipproċessat. Fir-rigward tal-kummerċ internazzjonali fil-frott u l-ħxejjex, wara sena rekord fl-2020, il-flussi kummerċjali ġew affettwati xi ftit mill-Brexit: is-sitwazzjoni rkuprat mix-xhur diffiċli tal-bidu tal-2021 u l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi mhux tal-UE fl-aħħar naqsu biss b'4 % matul l-ewwel 8 xhur sena wara sena. Madankollu, il-fluss kummerċjali mar-Renju Unit jibqa' punt ta' attenzjoni anke minħabba li r-Renju Unit huwa mistenni jintroduċi sa nofs l-2022, wara diversi posponimenti, kontrolli sħaħ fuq il-fruntieri u rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni għall-esportaturi tal-UE.

Kummenti tal-għeluq

14. Għalkemm firxa ta' prodotti tal-ikel qed igawdu minn prezzijiet rekord għal diversi raġunijiet, il-marġini tal-produtturi għadhom jiffaċċjaw pressjoni sinifikanti għal għadd ta' prodotti, notevolment il-laħam tal-majjal, b'mod partikolari minħabba l-ispejjeż għoljin tal-produzzjoni. Il-Kummissjoni hija mistiedna tikkomplementa l-informazzjoni pprovduta hawn fuq, b'mod partikolari rigward kwalunkwe miżura meħuda biex tittaffa s-sitwazzjoni negattiva; u l-Istati Membri jikkummentaw jekk iqisux l-azzjoni meħuda jew proposta bħala sodisfaċenti.
-